# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat*

*dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Chantelle Casha)**

**vs**

**Mohammed El Teeb Amer**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta' **Mohammed El Teeb Amer**, ta' 29 sena, imwieled nhar it-3 ta' Lulju 1986, bin Mohammed EI Teed u Aida Ibrahim, residenti Antonio Flats, Flat 3, Triq Mikiel Abela, Birżebbugia u detentur tal-karta tal-identita' nru 0040377(A) u li ġie akkużat talli fil-lejl ta' bejn il-11 u t-12 ta' Lulju 2015, ġewwa l-fond Antonio Flats, Flat 3, Triq Mikiel Abela, Birzebbugia:

1. Bil-ħsieb li jikkaġuna feriti gravi fuq il-persuna ta' Abdou Hassan Issan, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba li waqaf minn rajh milli jkompli jikkonsma dan id-delitt, meta

ħebb b'sikkina għall-persuna ta' Abdou Hassan Issan;

2. ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż fuq il-persuna ta' Abdou Hassan Issan skond kif iccertifika Dr. R. M. Spiteri MD Reg. No. 2585 miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid;
3. ħebb għall-persuna ta' Abdou Hassan Issan sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara;
4. għamel lil Abdou Hassan Issan inġurji jew theddid u jekk kien provokat, ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
5. bil-lejl, kiser il-bon ordni u l-kwiet pubbliku b 'għajjat, storbju u ġlied, kif ukoll
6. kellu fuqu jew fil-pussess tiegħu sikkina jew strument li jaqta' u bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.
7. U aktar talli rrenda ruħu reċidiv;
8. Li il-każ ta' ħtija torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu innifsu taħt penali ta' somma flus sabiex tipprovdi għas-sigurta ta Abdou Hassan Issan;
9. Kif ukoll li jħallas l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti f'dak l-ammont li jkun stabbilit mill-Qorti.

Rat li matul is-seduta tat-13 ta' Lulju 2015 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonfermat l-imputazzjonijiet bil-ġurament u matul il-kors tal-eżami tal-

imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 5 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-Avukat Dottor Marion Camilleri tenna li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih;

Rat id-dokumenti prodotti;

Rat u semgħet il-provi imresqin mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi f'dan il-każ il-Qorti semgħet ix-xiehda tal-allegat vitma f'dan il-każ Abdou Hassan Issan li beda d-deposizzjoni tiegħu billi stqarr li kien qiegħed jaħfer lill-imputat ta' dak kollu li għamillu u li xtaq li ma

jixhedx. Biss il-Qorti rat li peress li dawn il-proċeduri kienu istitwiti ex officio mill-Pulizija, hija kienet marbuta li tisma' lil dan ix-xhud.

Il-Qorti semgħet lil dan ix-xhud b'attenzjoni iżda l-verżjoni fornita minnu dwar kif huwa ġie allegatament aggredit mill-imputat ma kienet xejn kredibbli u verosimili. Il-Qorti ma tistax serenament tgħid li in bażi għal din ix-xiehda tista' ssib ħtija fl-imputat. Fost affarijiet oħra l-Qorti ssibha diffiċli temmen li l-imputat ikkaġuna l-ġrieħi li kellu f'wiċċu l-imputat stess f'eżerċizzju t'awtoleżjoni skont kif stqarr dan ix-xhud. U dan minbarra d-dinamika tal-allegat inċident li mill-verżjoni mogħtija mill-imputat qajla għandha mis-sewwa. Il-Qorti tqis għalhekk li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

# *DECIDE*

Li qegħda ssib lill-imputat **Mohammed El Teeb Amer** mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu stante li ma ġewx soddisfaċentement ippruvati u tilliberah minn kull ħtija u piena.

**Mogħtija illum it-28 ta' Settembru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

***Aaron M. Bugeja***